**Id-Dritt ta' Access tal-Individwu ghall-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem**

**Huwa bi pjacir li ninghaqad maghkom illejla biex niccelebraw jum tant importanti fl-istorja u fl-izvilupp tal-ligi fl-Ewropa. Il-Fondazzjoni tieghi ghall-Gid tas-Socjeta hasset li dan l-avveniment jixraq li jigi ccelebrat u mfakkar minhabba l-impatt sinjifikanti li kellu u ghad ghandu fil-qasam tal-gustizzja.**

**Inzerta li Dr Ruth Farrugia, li hija id-Direttur Generali tal-Fondazzjoni, hija l-koordinatur tal-Programm tad-Drittijiet tal-Bniedem, u Dr David Zammit, li jmexxi il-University of Malta "Law Clinic", huwa wiehed mill-esperti tal-entita' : "Forum Impenn fil-Kommunita" (FIK), fi hdan l-istess Fondazzjoni.**

**Bla dubbju, dawn iz-zewg akkademici, abbli, ma setghux ihallu dan l-anniversarju ta' dan l-aveniment important minghajr ma jifakkruna lkoll li d-Dritt ta' Access Tal-individwu ghall-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem huwa stansa ohra importanti li kompliet issahhah il-process ghal-individwu biex jassigura li jikseb il-gustizzja shieha.**

**Huwa ghalxejn li l-iStat ifassal u jillegisla favur id-drittijiet, jekk ma jkunx hemm rimedju effettiv li jistghu jaghmlu uzu minnu l-individwi, sabiex jiksbu access effettiv ghad-Drittijiet taghhom.**

**Minkejja li l-individwu jista jhossu bla poter fil-konfront tal-istat, dan id-dritt jassigura li hadd mhu l-fuq mill-ligi.**

**Dan id-dritt qed jaghti salvagwardja effettiva, biex inharsu d-Drittijiet Tal-Bniedem.**

**Fl-anniversarju ta' din l-okkazjoni importanti, nhoss li hemm bzonn li naghmlu xi mistoqsijiet importanti, fosthom:**

**Kemm qed nassiguraw li l-principju jista jkun tassew implimentat fl'ahjar interress ta' l-individwi, biex ikollhom access effetiv ghall-gustizzja?**

**Kif qed nassiguraw li l-individwi li ghandhom bzonn access ghal-dan il-livell ta' gustizzja ghandhom access ghal-informazzjoni mehtiega?**

**Kef qed nassiguraw li min mighandux ir-rizorsi ghandu access ghal-dan il-livell ta' gustizzja?**

**Ghed nigbed l-attenzzjoni ghal dan, ghaliex ghaddew hamsin sena min dan it-dritt, u tajjeb naraw kemm Maltin ficcew dan ir-rimedju legali INCLUDE INFO FROM DAVID RE NUMBER WHO ACCESS THIS RIGHT.**

**Tajjeb ukoll inharsu lejn il-kazijiet li nqatghu fil-konfront ta' pajjizna, u nitaghlmu mill-impatt li diversi sentenzi kellhom fuq il-mod kif nifhmu l-ligi u napplikawha.**

Grazzi ghal-cittadini li fittxew dan ir-rimedju legali, l-istat Malti kellu ibiddel ligijiet. Per ezempju, dwar id-drittijiet tat-tfal imwielda barra miz-zwieg; id-drittijiet ta' persuni transsesswali; il-kundizzjonijiet fil-habs; trattament mill-pulizija, u hafna ohrajn.

Tajjeb ukoll niftakru li s-sentenzi ta' din il-Qorti, anke jekk mhux fil konfront ta' Malta, xorta jibghu ghandhom effett dirett fuq l-interpretazzjoni tal-ligijiet.

Irrid insemmi uoll li illum, is-socjeta Maltija qed tiffacja diversi sfidi godda, bhal tipi ta' faqar u l-immigrazzjoni, fost l-ohrajn.

Sadattant, it-twaqqif tal-"University of Malta Law Clinic" hija mizura importanti hafna, mhux biss ghax issahhah ir-reputazzjoni tal-Universita` ta Malta u tal-professjoni legali Maltija, izda ukoll ghaliex hija entita' mahsuba biex tipprovdi l-assistenza u d-direzzjoni ghal-access effettiv ta' dan ir-rimedju legali.

Il-'Law Clinic' huwa mezz kif il-gruppi imwarrba jistghu jkollhom access ghall-gustizzja, jitghallmu dwar id-drittijiet taghhom u jfittxu rimedji biex ipattu ghall-ingustizzji li jsofru.

Ir-rwol tal-istudenti tal-"Law Clinic" huwa propju li jipprovdu ghajnuna legali, b'xejn, lin-nies vulnerabbli li gieli isibuha difficli biex ikollhom avukat.

Irrid ninnota b'sodisfazzjon li, bhala mezz ta' taghlim tal-ligi, il-"Law Clinic" huwa, ukoll, ghodda biex trawwem professjonisti biex

ihaddnu l-kuxjenza socjali, bhala valur intrinziku tal-professjoni legali.

Irrid niehu l-opportunita biex nifrah u nirringrazzja lil-fundaturi tal-"Law Clinic" li gharfu ukoll ipoggu l-Universita' ta' Malta, permezz tal-"Law Clinic", fuq livell globali.

Ippermetuli nikkonkludi billi nifrah lil dawk in-nies kollha li ghamlu l-'Law Clinic' realta', specjalment lil Dr David Zammit u t-tim kollu tieghu fi hdan il-Fakolta tal-Ligi; il-Cottonera Resource Centre; u l-Kamra tal-Avukati.

Nifrah u nawgura wkoll lil dawk l-istudenti u professjonisti li ser jghinnu in-nies fil-bzonn.

Irrid nirringrazjakom lkoll ghal-dedikazjoni taghkom, lejn din il-kultura tas-solidarjeta.

Nista nassigurakom li, bis-sahha ta' dan il-"Law Clinic" u hidmietkom, l-ufficcu tieghi ghandu serhan tal-mohh li dawk fostna li mghandhomx l-informazzjoni u/jew l-mezzi biex jaccessaw dan l-istanza legali Ewropeja ghandhom illum lilkom biex tghenuhom jaghmlu dan.

Nirringrazjalkom, f'isem il-poplu Malti kollu, u nawguralkom kull success.